**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum, 23 ta' Ġunju 2021

Rikors Numru: 235/2017 AL

**AB**

vs

**CB**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat tal-attur,[1] li permezz tiegħu ppremetta:

1. *Illi l-partijiet izzewgu nhar is-sebgha ta' Jannar tas-sena elf, disa' mija u hamsa u tmenin (07.01.1985) u miz-zwieg tal-partijiet twieldu tliet ulied, wahda mil-liema mietet, filwaqt li t-tnejn l-ohra llum huma adulti u indipendenti;*

[1] Fol. 1-10.

2. *Illi z-zwieg tal-partijiet tlisser b'mod irrimedjabbli wara li l-konvenuta rrendiet ruhha hatja ta' eccessi, sevizzi, ingurji gravi, swat u vjolenza domestika fil-konfront ta' zewgha, u dank if certament ser jigi ppruvat ampjament fil-mori tal-kawza;*

3. *Illi minkejja diversi tentattivi ghal separazzjoni konsenswali, minhabba intransigenza da parti l-konvenuta, la ghad hemm tama li l-partijiet isalvaw iz-zwieg taghhom u wisq inqas illi jirnexxielhom jaslu fi ftehim; u kien ghalhekk illi l-esponent ma kellu l-ebda ghazla ohra ghajr li jintavola l-proceduri odjerni;*

4. *Illi l-partijiet gew awtorizzati jipprorocedu bir-rikors guramentat permezz ta' digriet datat tnat t'Ottubu tas-sena elfejn u sbatax (12.10.2017);*

*Tghid ghalhekk il-konvenuta, ghalfejn din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:*

1. *Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti, ghar-ragnijiet gravi u tortijiet imputabbli esklussivament lill-konvenuta fosthom eccessi, sevizzi, ingurji gravi, swat u vjolenza domestika kommessi fuq zewgha; konsegwenza ta' liema z-zwieg tkisser irrimedjabbilment;*

2. *Ixxolji u tittermina l-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet u tillikwida l-istess b'mod li jigu stabbiliti porzjonijiet in divizjoni u assenjati lillpartijiet u, billi wkolla tigi stabbilita data minn meta l-konventa titqies li ddekadiet minn kull akkwist maghmul bix-xoghol u bil-hila tar-rikorrent, u dan kollu okkorrendo bl-operat ta' periti nominandi u bin-nomina ta' nutar sabiex jippubblika l-att opportune u ta' kuratur biex jirrapprezenta lill-konvenuta fl-eventwali kontumacja fuq l-istess att;*

3. *Tordna l-bejgh tal-fond konjugali fl-indirizz Block C, Interlace, 6A, Triq ilQaliet gewwa Marsascala u konsegwentament tordna l-izgumbrament tal-konvenuta mill-istess fond;*

4. *Tiddividi l-gid l-iehor komuni tal-kontendenti mhux formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti;*

5. *Tordna lill-konvenuta sabiex tirrestitwixxi lir-rikorrent l-beni u krediti arafernali u dotali tieghu li ser jirrizultaw waqt il-mori tal-kawza kif ukoll l-ispejjez li saru da parti ta' l-istess esponent qabel iz-zwieg, u dan fi zmien qasir u perentorju, li ghandu jigu lilha prefiss minn din il-Qorti u fin-nuqqas li l-konvenuta taghmel dan, tikkundannah thallas lil esponenti dik is-somma*

*li għandha tiġi hekk likwidata, okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi, rapprezentanti l-valur tal-beni parafernali sudetti;*

6. *Tiddikjara u tiddeċiedi illi bl-aġir tagħha l-intimata iddedkadiet minn kull dritt li titlob għall-manteniment mingħand żewġha l-esponent;*

7. *Tapplika in toto jew in parte kontra l-konvenuta l-effetti tad-disposizzjonijiet tal-Artikoli 48 sa 53 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta sa fejn applikabbli, inkluż l-komminjazzjoni li tilfet kull dritt li tiret lill-esponent;*

*Bl-ispejjeż kontra l-konvenuta li hija minn issa inġunta in subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda tal-attur;

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenuta prezentata nhar it-8 ta' Jannar 2018,[2] fejn eċċepit:

1. *Illi fir-rigward ta' l-ewwel talba, l-konvenuta taqbel illi għandu jkn hemm lok għal firda personali, iżda din il-firda seħħet mhux għar-raġunijiet imressqa mill-attur, iżda għal raġunijiet oħra, fosthom adulterju u vjolenza da parti ta' l-attur fuq il-konvenuta. Illi hija proprju minħabba dan l-adulterju u vjolenza, li l-konvenuta qegħda taqbel li għandu jkun hemm lok għal firda personali u dank if għandu jirriżulta waqt is-smiegħ ta' din il-kawża.*

2. *It-tieni talba limitatament għax-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-kontendenti mhijiex opposta, b'dan però li jiġi kunsidrat illi kien l-istess attur illi ġab it-tifrik irrimedjabbli taż-żwieġ tal-kontendenti u li huwa l-istess attur li huwa ħati tat-tifrik taż-żwieġ.*

3. *Filwaqt li topponi għall-bejgħ tal-fond konjugali u dan stante I hija trid li din takkwista n-nofs indiviż ta' l-attur, hija tikkontendi li għandha tibqa' tirrisjedi fid-dar matrimonjali ad eskluzjoni tal-attur. Illi lanqas ma għandha għalfejn tiġi żgumbrata l-intimata mid-dar stante li ma għamlet xejn sabiex tiġi kominata kontriha din is-sanzjoni. L-attur telaq mid-dar konjugali sabiex imur jgħix mal-partner tiegħu u binha. Illi għalhekk zgur li l-konvenuta ma għandhiex tiġi imkeċċija mid-dar matrimonjali.*

4. *Illi ma hemm ebda ġid mhux formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti.*

---

[2] Fol. 12.

5. *Illi l-hames talba ukoll hija infondata fil-fatt u fid-dritt u ma hemm xejn li jista' jwassal sabiex il-Qorti tilqa t-talba ta' l-attur.*

6. *Illi l-intimata ma hija responsabbli bl-ebda mod ghat-tifrik taz-zwieg, ghalhekk ma huwiex minnu li hi iddekadiet minn kull dritt ta' manteniment.*

7. *Illi ghar-rigward tas-seba talba, l-konvenuta ma taqbilx li ghandhom jigu komminati fil-konfront taghha d-disposizzjonijiet ta' l-artikoli citati u dan peress li hija ma tahti xejn ghall-firda tal-partijiet. Konsegwentament, din it-talba ghandha tigi michuda, jekk xejn huwa l-attur li iddekda min dawn id-drittijiet.*

8. *Salv eccezzjonijiet ulterjuri skond il-ligi.*

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenuta;

Rat il-kontrotalba tal-konvenuta,[3] fejn ippremettiet:

1. *Illi l-kontendenti izzewgu f'Malta fis-sebgha ta' Jannar tas-sena elf disa mija u erbgha u tmenin (07.01.1984) u minn dan iz-zwieg kellhom tlett t'itfal, l-ewwel wild giet nieqsa filwaqt li zewg t'ifal l-ohra illum maggorenni;*

2. *Illi z-zwieg bejn tkisser b'mod irrimedjabbli ghar-ragunijiet imputabbli unikament lill-attur rikonvenzjonat li fost affarijiet ohra, rrenda ruhu hato ta' adulterju u vjolenza fuq l-intimata.*

3. *Illi l-konvenuta qeghda tuza l-istess digriet moghti mil-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) sabiex hija tkun tista' tipprezenta l-istanti.*

4. *Illi l-konvenuta taf b'dawn il-fatti personalment.*

*Ghaldaqstant, in vista tal-premess, il-konvenuta titlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni, ordni u provvediment opportune jogħġobha:-*

1. *TIDDIKJARA u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti ghal ragunijiet imputabbli lir-rikorrenti minhabba adulterju u vjolenza kommessi mill-istess rikorrenti fuq l-intimata b'dana li z-zwieg tkisser b'mod irrimedjabbli. Tistabilixxi d-data meta l-istess rikorrent ghandu jigi ikkunsidrat li minnha kien hati tal-firda;*

---

[3] Fol. 14.

2. *TAWTORIZZA lill-intimata tghix separatament mir-rikorrenti zewgha;*

3. *TORDNA u TIKKUNDANNA lill-attur rikonvenzjonat ihallas manteniment kull erba' (4) gimghat ghall-konvenuta personalment, liema manteniment ghandu jizdied skond l-indici ta' l-gholi tal-hajja kull sena, kif ukoll;*

4. *TAWTORIZZA lill-intimata tghix esklussivament fid-dar matrimonjali taghhom u cioe Block C, Interlace, 6A, Triq il-Qaliet, Marsascala u dan ad eskluzjoni tar-rikorrenti.*

5. *TIDDIKJARA xolta l-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn l-konendenti, tillikwida l-istess komunjoni tal-akkwisti u tordna li l-istess oggetti formanti l-komunjoni ta' l-akkwist jigu maqsuma f'zewg porzjonijiet komposti kif jigi ordnat u stabbilit min dina l-Qorti in vista, inter alia, tad-dati tal-akkwist tad-diversi oggetti formanti l-istess komunjoni u tad-data stabbilita minn din il-Qorti bhala d-data meta l-istess rikorrenti ghandu jitqies li ddekada mill-akkwista maghmulin mill-esponenti, okkorrendo ghall-finijiet ta' din it-talba, jigi nominat perit biex jaghmel il-likwidazzjoni mitluba.*

6. *TAPPLIKA kontra l-attur rikonvenzjonat interament jew in parti, id-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 48 sa 55A tal-Kodici Civili.*

7. *TORDNA illi d-dar matrimonjali tigi okkupata mill-konvenut bl-esklussjoni tal-attrici.*

*Bl-ispejjez kontra l-attur rikonvenzjonat, li minn issa huwa ngunt in subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenuta rikonvenzjonanti;

Rat ir-risposta ġuramentata tal-attur għat-talba rikonvenzjonali tal-konvenuta,[4] li permezz tagħha eċċepixxa:

*Illi l-esponenti ma jaqbilx mal-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet imressqa mill-konvenuta rikonvenzjonanta fil-kontrotalba taghha, liema huma invertieri u nfondati ghal kollox, kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt u dan hekk kif ser jirrizulta fil-mori tal-kawza. L-esponent jirriserva minn issa li jressaq xhieda in sostenn;*

*Illi brevement jinghad illi z-zwieg tal-kontendenti sfaxxa fix-xejn minhabba li l-konvenuta rikonvenzjonanta rrendiet ruhha hatja ta' eccessi, sevizzi, ingurji*

[4] Fol. 24.

*gravi, swat u vjolenza domestika, fil-konfront ta' zewgha, u dan kif certament ser jigi ppruvat ampjament fil-mori tal-kawza;*

*Illi ghaldaqstant, fir-rigward tat-talbiet, l-esponent jissottometti s-segwenti:*

1. *Illi huwa ma joggezzjonax ghall-ewwel talba tal-konvenuta rikonvenzjonanta u dan limitatament ghad-dikjarazzjoni ta' separazzjoni personali bejn il-partijiet; izda mhux ghat-tortijiet imputabbli lilu stante li r-ragunijiet ghat-tkissir taz-zwieg b'mod irrimedjabbli huma imputabbli esklussivament lill-konvenuta rikonvenzjonanta u dan hekk kif ser jigi pruvat fil-mori tal-kawza;*

2. *Illi l-esponent ma jopponix ghat-tieni talba tal-konvenuta rikonvenzjonanta u dan anke l-ghaliex fattwalment il-partijiet ilhom jghixu separati de facto ghal xhur shah;*

3. *Illi l-esponent jopponi ghat-tielet talba tal-konvenuta rikonvenzjonanta u dana stante illi fl-ewwel lok hija kapaci tahdem u tiggenera introjtu u fil-fatt hi tahdem u ghandha dhul konsistenti; u iktar minn hekk, jinghad illi kif ser jigi ppruvat ampjament fil-mori tal-kawza, il-konvenuta rikonvenzjonanta iddekadiet mid-dritt taghha li titlob u tircievi manteniment minghand l-esponent;*

4. *Illi l-esponent jopponi ghar-raba talba ta' martu u dan stante li l-imsemmi fond konjugali huwa parti sostanzjali tal-komunjoni tal-akkwisti u kwindi l-esponent irid jiehu sehmu mill-istess. Jekk it-talba kif impustata mill-konvenuta rikonvenzjonanta tintlaqa' dan ikun ifisser li l-esponent ibati pregudizju serju fejn huwa ma jiehux sehem mill-komunjoni tal-akkwisti u dan meta r-ragunijiet ghat-tkissir taz-zwieg hija attribwibbli esklussivament lill-mara;*

5. *Illi l-esponenti ma jopponix ghall-hames talba tal-konvenuta rikonvenzjonanta limitatament fuq ix-xoljiment, likwidazzjoni u divizjoni tal-kommunjoni tal-akkwisti salv ghall-fatt li l-Qorti ghandha tiehu in konsiderazzjoni l-fatt li t-tort ghat-tkissir taz-zwieg hu imputabbli esklussivament lill-Mara u mhux lill-esponent u meta tasal sabiex tiddividi l-kommunjoni tqis minn meta l-konvenuta rikonvenzjonanta kienet hatja tal-firda u t-tkissir irrimedjabbli taz-zwieg u tippenalizza lill-istess;*

6. *Illi l-esponenti qieghed jopponi ghar-raba' talba tal-konvenuta rikonvenzjonanta u dan stante li m'hemm l-ebda ragun biex jigu applikati fil-konfront tieghu l-artikolu 48 sa 55A tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta,*

*u se mai dawn ghandhom jigu applikati fil-konfront tal-konvenuta rikonvenzjonanta innifisha;*

7. *Illi l-esponent jopponi ghas-seba' talba tal-konvenuta rikonvenzjonanta, li hi ripetizzjoni tar-raba' talba tal-istess konvenuta rikonvenzjonata u jerga' jinghad illi m'hemm l-ebda raguni valida ghalfejn l-esponent m'ghamdux jiehu sehem mil-istess fond u/jew igwadi l-istess propjeta';*

8. *Illi finalment, l-esponent jopponi wkoll ghall-ispejjez kollha tal-proceduri odjerni.*

*Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenuta rikonvenzjonanta li hija min issa ingunta in subzzjoni.*

Rat l-atti kollha sussegwenti;

Rat illi permezz ta' digriet mogħti llum stess u ċjoe' nhar it-23 ta' Ġunju 2021, din il-Qorti wara li rat ir-rikors tal-attur Nazzareno Grech ta' nhar it-3 ta' Mejju 2021, hija laqgħat it-talba kif dedotta fl-imsemmi rikors, u ċjoe' illi ai termini tal-Artikolu 66F tal-Kodiċi Ċivili l-ewwel talba fir-rikors promotur li titratta s-separazzjoni personali tal-partijiet sejra minflok titqies bħala talba għal pronunzjament ta' divorzju għaz-zwieġ tagħhom;

Rat id-digriet tal-Qorti tat-8 ta' Frar 2021, fejn laqgħat it-talba tal-partijiet kif dedotta fl-imsemmija rikors, u approvat l-abbozz ta' ftehim tal-partijiet, u konsegwentament awtorizzat lin-nutar sabiex jippubblika l-istess att;

Rat il-kuntratt ta' separazzjoni personali bejn il-partijiet datat 23 ta' Frar 2021, li jinsab fl-atti tan-Nutar Dr Jean Carl Debono, liema ftehim jirregola l-firda personali tal-partijiet u l-effetti konsegwenzjali tal-istess firda. Magħdud ma' dan, il-Qorti rat ukoll illi fi premessa numru sittax (16), l-attur obbliga ruħu li jċedi l-kawza odjerna, filwaqt li l-konvenuta obbligat ruħha li ċċedi l-kontrotalba tagħha. Il-partijiet ċedew it-talbiet kollha tagħhom *seduta stante* illum it-23 ta' Ġunju 2021, ad eskluzjoni ta' dawk it-talbiet li jirrigwardjaw d-divorzju tagħhom;

GĦALDAQSTANT, il-Qorti tilqa' l-ewwel talba attriċi u dik rikonvenzjonali, u tippronunzja l-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet, filwaqt li tastjeni milli tieħu

konjizzjoni ulterjuri tat-talbiet kollha l-oħrajn stante li ġew ċeduti fl-udjenza ta' llum tat-23 ta' Ġunju 2021. Il-Qorti qiegħda tindika li n-numru progressiv ta' reġistrazzjoni tal-Att taz-Zwieġ tal-partijiet huwa 400/2018, u konsegwentament tordna lir-Reġistratur tal-Qorti jinnotifika lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku b'din is-sentenza ta' divorzju fi zmien ghaxar (10) ijiem millum.

Il-Qorti tordna li kull parti għandha tbati l-ispejjeż tagħha.

Il-Qorti qegħda takkorcja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.